Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,642, 17 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 173 ta' l-1998

ATT TA' L-1997 LI JEMENDA L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XVIII TA' L-1997)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-1997 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali stabbilixxa l-25 ta' Lulju, 1997, bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1997 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni kif jirrigwardaw is-subartikoli (15) u (16) ġodda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327, għandhom jitqiesu li bdew iseħħu, u l-20 ta' Lulju, 1998 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha li jifdal ta' l-imsemmi Att ta l-1997 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, għandhom jibdew iseħħu.